MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Numru 104/2004

**Illum, 10 ta' Settemberu 2004**

**App Nru 104/04 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoniji migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Borg, talli fis-16 ta' Settembru 2002 u qabel din id-data, naqas li jhallas lill-ex-impjegat tieghu Frank Mizzi pagi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-16 ta' Settembru 2002 fl-ammont ta' sitt mija u tletin lira (Lm630.00); il-qorti kienet mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Frank Mizzi l-imsemmija somma ta' Lm630;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Borg hati u kkundannatu multa ta' ghoxrin lira (Lm20) u ordnatlu jhallas is-somma ta' sitt mija u tletin lira (Lm630) lil Frank Mizzi fi zmien xahrejn mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Borg, minnu prezentat fit-28 ta' April 2004 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellant ghandu erba' paragrafi separati li fihom jiddelinea l-aggravji tieghu, l-ewwel tlieta minn dawn il-paragrafi effettivament huma dwar l-istess aggravju pero` b'kull paragrafu jitratta l-aggravju minn aspett differenti; ir-raba' paragrafu jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Tajjeb li wiehed ghalhekk jibda bil-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

L-appellant jikkontendi <u>fir-rikors ta' appell tieghu</u> li hu gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni fl-*"ewwel ta' Settembru 2003"* b'mod ghalhekk li *"dak dovut qabel l-ewwel ta' Settembru 2002 huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta' sena skond il-ligi."* Pero` meta l-appellant xehed quddiem din il-Qorti huwa <u>f'ebda waqt ma kkonferma fid-deposizzjoni</u> tieghu li hu kien effettivament gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni fl-1 ta' Settembru, 2003. Minkejja dan, <u>mill-istess atti tal-kawza</u> jirrizulta li l-appellant, allura imputat, sas-7 ta' Awissu, 2003 kien ghadu mhux notifikat bic-citazzjoni. Hu pero` deher ghall-udjenza tal-11 ta' Settembru, 2003, b'mod ghalhekk li din il-Qorti tifhem li hu gie notifikat f'xi zmien bejn is-7 ta' Awissu, 2003 u l-11 ta' Settembru, 2003. Fin-nuqqas ta' riferta li turi b'mod car meta huwa gie effettivament notifikat, din il-Qorti ser tiehu l-ahhar data msemmija – il-11 ta' Settembru, 2003 – bhala d-data meta l-appellant gie notifikat l-ewwel darba bic-citazzjoni. B'dana kollu fil-fehma tal-Qorti <u>f'dan il-kaz</u> ma jistax jinghad li ddekorriet xi preskrizzjoni. Anke li kieku l-appellant Borg kien

akkuzat specifikatament li huwa naqas milli jhallas il-paga kull gimgha bi ksur ta’ l-Artikolu 28(1)(a) tal-Kap. 135 – u dana peress li allegatament il-paga kienet iffissata bis-siegha – is-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi Artikolu 28 jipprovdi li:

***“Mat-tmien ta’ kuntratta ta’ servizz il-pagi kollha li jkunu ghadhom ma thallsux kollha jithallsu mad-data tal-jum tal-paga li jigi minnufih wara iffissat taht is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu bhallikieku l-kuntratt ma ntemmx.”*** [1]

F’dan il-kaz l-ahhar gurnata li Mizzi allegatament hadem fiha kienet is-Sibt, 14 ta’ Settembru, 2002 (skond id-dokument a fol. 12 sa 13), b’mod li dak kollu li kien ghadu dovut kellu jithallas jew f’dik l-istess gurnata jew f’xi gurnata ohra fil-gimgha ta’ wara (il-prosekuzzjoni indikat id-data tas-16 ta’ Settembru, 2002, li bhala jum kien it-Tnejn). Ghalhekk, fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, is-sena preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 43 tal-Kap. 135 bdiet tiddekorri mill-14 ta’ Settembru, 2002, b’mod ghalhekk li meta huwa deher fl-udjenza tal-11 ta’ Settembru, 2003 kien ghad baqa’ tlett ijiem biex tkun iddekorriet l-imsemmija preskrizzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tlett aggravji l-ohra jirriducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. L-appellant jikkontendi li ma saritx il-prova, sal-grad li trid il-ligi ghall-finijiet ta’ kawzi penali, ta’ kemm sieghat u/jew granet effettivament hadem Mizzi b’mod li wiehed jista’ jikkomputa dak li allegatament kien dovut lilu. Jilmenta wkoll l-appellant li bhala fatt bejnu u bejn Mizzi ma kien hemm ebda ftehim ta’ xoghol, u dak li gara kien li Mizzi mar bi pjacir biex jghin lil Borg peress li l-istess Mizzi kien qed ikellem lit-tifla ta’ Borg.

---

[1] Fit-test Ingliz: ***“On termination of a contract of service all wages outstanding shall be paid by the date of the next pay day determined under subsection (1) of this section as if the contract had not been terminated.”***

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-deposizzjonijiet moghtija quddiemha (cioe` fi stadju ta' appell) u hasbet fit-tul dwarhom, u waslet ghall-konkluzjoni li f'dan il-kaz ghadna tilqa' l-appell <u>in parti biss</u>. Kif inhu risaput, ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti kemm-il darba tkun tal-fehma li dik il-qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Issa l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, u riferibbilment ghall-versjonijiet kontrastanti tal-partijiet, qalet hekk:

***"Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-Qorti hi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti mressqa mill-prosekuzzjoni li Frank Mizzi ma thallasx ghax-xoghol li ghamel u dik ta' l-imputat li jghid li Mizzi ma hadimx mieghu u jekk ghenu xi ftit huwa kien jikkumpensah;***

***"Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda mismugha u tal-fatti kif esposti mix-xhieda u thoss li l-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-parte civile hija dik veritjera."***

Min-naha l-ohra, pero`, li l-ewwel qorti (ghall-anqas fis-sentenza taghha) ma jihdirx li indirizzat specifikatament il-kwistjoni tad-dokumentazzjoni migjuba biex jigi stabbilit <u>kemm granet u sighat effettivament kien hadem Mizzi</u>. Dwar dan l-ammont il-prova li trid issir tista' tkun wahda separata u distinta mill-prova principali dwar il-htija ta' l-akkuzat – ara f'dan ir-rigward is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 41 tal-Kap. 135, fejn tissemma' l-htiega tal-"prova ta' l-ammont". Huwa veru wkoll li tali prova mhux neccessarjament tkun wahda dokumentarja – il-qorti li tkun tista' toqghod fuq dak li jghid xhud jew diversi xhieda. F'dan il-kaz, pero`, kemm il-provi konsistenti f'dokumenti kif ukoll dawk orali huma tenwi wisq biex qorti tkun tista' b'serenita` tistrieh fuqhom. Id-dokument ezibit minn Mizzi a fol. 12 sa 13 tal-process huwa, *ex admissis*, dokument maghmul minn fuq dokument iehor (liema dokument iehor qatt ma gie prodott). Skond Mizzi dan id-dokument gie

redatt minn "tal-Labour Office" (fol. 38), fatt, dan, li hu prattikament negat minn Anton Zammit, ir-rappresentant tal-Labour Office u li kien inkarigat mill-kaz ta' Mizzi. Meta quddiem din il-Qorti sar konfront bejn Zammit u Mizzi dwar dan il-punt (fol. 44), Mizzi qal li hu ried ifisser li li dak id-dokument kien kitbu "xi hadd fil-Labour Office, jigifieri fizikament fil-Labour Office, mhux xi hadd tal-Labour Office" (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti pero` tosserva li z-zewg folji karti a fol. 12 u 13 la huma "lettered papers" (jigifieri bl-isem tad-Dipartiment koncernat fuqhom), u anqas ghandhom il-"watermark" tal-Gvern, u ghalhekk huwa ferm improbabbli li dan id-dokument gie redatt fl-ufficcju tad-Dipartiment in kwistjoni kif qed jigi allegat. Id-dokument (jew dokumenti) originali li Mizzi pproduca lil tal-Labour Office biex dawn jaghmlu l-kalkoli taghhom qatt ma gie ezibit – u, stranament, anqas hemm dokument ufficjali wiehed li jirriproduci il-granet u l-hinijiet (gurnata b'gurnata) kif kienu jidhru fuq id-dokument originali li kellu Mizzi (u li hu jghid li ddispona minnu jew tilfu). Sinjifikanti wkoll huwa l-fatt li c-cifra totali li tidher fuq id-dokument a fol. 12 u 13 – Lm682.50 – hija differenti minn dik komputata mix-xhud Zammit (Lm630) u li tidher fil-kopja ta' l-ittra mibghuta mill-istess Zammit lil Borg fl-20 ta' Marzu, 2003. Id-deposizzjoni ta' Frank Mizzi, imbghad, hija vaga wisq biex Qorti, a bazi taghha, tista' tkun sodisfatta min-numru ezatt ta' sieghat li effettivament hadem l-istess Mizzi. Ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi tal-fehma li ftehim ta' xoghol verament kien hemm bejn Mizzi u Borg, u li verament Borg naqas milli jhallas lil Mizzi dak li kien dovut lilu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel qorti li l-ammont hekk dovut kien effettivament ta' Lm630 jew xi ammont iehor, u dan semplicement peress li ma ngabux il-provi mehtiega biex, f'dawn il-proceduri penali, ikun jista' jsir kalkolu sew.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Paul Borg hati li naqas li jhallas il-pagi lil Frank Mizzi ghall-periodu bejn l-1 ta' Lulju, 2002 u s-16 ta' Settembru, 2002 u fejn ikkundannatu multa ta' Lm20, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u cioe` fejn ikkundannat

lill-istess Borg ihallas is-somma ta' Lm630 lil Frank Mizzi fi zmien xahrejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------